MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 246/2009

**Mario u Jennifer miżżewġin Testa**

**-vs-**

**Rose Marie Testa**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-12 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi Joseph Testa, pensjonant, armel minn Mary nee' Simler, bin il-mejtin Joseph u Dolores nee' Sultana, imwieled u kien joqgħod Furjana, u li kellu karta tal-identita' bin-numru 203908 (M), miet fit-tlieta (3) ta' Jannar 2008;

Illi l-imsemmi *decujus*, filwaqt illi nnomina u stitwixxa bħala eredi universali in piena u assoluta proprjeta' lil uliedu

Nathalie mart Edmund Camilleri, il-konvenuta Rose Marie Testa u lill-attur Mario Testa;

Illi s-suċċessjoni tal-imsemmi *decujus* hija regolata bl-aħħar testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono tat-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena 1984 li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dokument 'A';

Illi *ai termini* tas-sitt artikolu tal-imsemmi testment, it-testatur Joseph Testa ħalla l-użu u l-użufrutt tal-post fejn kien joqgħod jiġifieri 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana, lill-attur Mario Testa, b'kull ma jinsab fil-post mill-għatba 'l ġewwa barra d-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, kotba tal-Bank u flus kontanti;

Illi l-imsemmija Nathalie Camilleri mmettiet fil-pussess lill-attur Mario Testa tal-prelegalat lilu mħolli in forza ta' kuntratt ta' immissjoni fil-pussessi, in atti Dottor Joseph Sciriha tal-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena 2008 li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u markata Dokument 'B';

Illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenuta sabiex timmetti lill-attur Mario Testa fil-pussess tal-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana bl-oġġetti kollha mobbli mmill-għatba 'l ġewwa *limine intus* imħollija lilu bl-imsemmi testment tat-tlettax (13) ta' Settembru 1984, iżda dina baqgħet inadempjenti u anzi qiegħda tokkupa l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.

Illi, minħabba li l-konvenuta naqset għal diversi xhur milli tikkonsenja l-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana lill-attur, l-atturi nkorrew f'danni li jikkonsistu partikolarment imma mhux esklussivament, f'telf ta' kirjiet tal-imsemmi fond;

U għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li ngħataw il-provvedimenti opportuni, tgħid il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi li qiegħdin hawn jitolbu li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tordna u tikkundanna l-konvenuta Rose Marie Testa timmetti fil-pussess lill-attur Mario Testa tal-legat imħolli lilu fis-sitt artikolu tat-testment tat-13 ta' Settembru 1984, fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono, u ċioe' l-prelegat tal-użu u l-użufrutt tal-post fejn kien joqgħod it-testatur Joseph Testa jiġifieri l-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana, kif ukoll kull ma jinsab mill-għatba 'l ġewwa barra d-deheb, fided u ħaġar prezzjuż, kotba tal-Bank u flus kontanti;

2. Tiddikjara li l-imsemmija konvenuta Rose Marie Testa qiegħda tokkupa l-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana u li qiegħda tiddetjeni l-mobbli li jinsabu *a limine intus* imħollija bl-imsemmi prelegat mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta tiżgombra mill-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana u tħallih liberu favur l-attur Mario Testa fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tipprefiġġi;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur Mario Testa l-oġġetti mobbli li kienu jinsabu fil-post numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana mill-għatba 'l ġewwa barra d-deheb, fided u ħaġar prezzjuż, kotba tal-Bank u flus kontanti;

5. Tiddikjara illi l-atturi sofrew danni minħabba l-inadempjenza tal-konvenuta li tikkonsenja l-fond numru 4, ġja' numru 40, Magazine Street, Floriana lill-attur mal-ewwel rikjesta tiegħu;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi;

7. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata *in linea* ta' danni għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk l-ittri interpellatorji u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, kontra l-

konvenuta li qed tiġi minn issa nġunta sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fl-24 ta’ Lulju 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi r-rikorrenti għandha titolu validu fil-liġi biex tokkupa l-fond in kwistjoni kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kwindi t-talbiet tal-miżżewġin Testa għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit tal-konvenuta u d-dokumenti esebiti minnha;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Mejju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta li l-attur ġie ġja’ imqiegħed fil-pussess tal-legat imħolli lilu minn missieru kif spjegat fir-rikors promotur. Madankollu il-pussess effettiv għadu f’idejn il-konvenuta li tgħix fil-fond. Da parti tagħha l-konvenuta qalet illi kienet tgħix ma’ missierha fil-fond in kwistjoni u anke wara li miet baqgħet tgħix hemm għaliex tgħid li kellha ftehim ma’ missierha biex tibqa’ tgħix fil-fond, u tgħid ukoll li m’għandhiex fejn toqgħod.

Jidher għalhekk ċar li l-konvenuta m’għandha ebda titolu validu biex tibqa’ tgħix fil-fond in kwistjoni; il-ftehim li seta’ kellha ma’ missierha ma jiswiex jekk ma sarx bil-kitba għaliex jirrigwardja propjeta’ immobbli. Lanqas ma tirriżulta xi lokazzjoni.

Illi kwindi t-talba attriċi ma ġietx kontradetta u għalhekk tirriżulta, għalkemm ma tressqux provi fuq id-danni li seta' sofra l-attur u għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti mhux tilqa' t-talbiet tal-attur.

**Għaldaqstant filwaqt illi tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tas-sitt u s-seba' talba, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha l-oħra kif dedotti kontra l-konvenuta u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur; l-ispejjeż jitħallsu kwantu għal terz mill-atturi u żewġ terzi mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------